**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 421/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Tabone**

Illum, 25 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Tabone, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 145751(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli:

(a) Bejn Mejju 2002 u Mejju 2011, ġewwa Luqa u ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda, ikkommetta serq minn ġewwa l-Cargo Import Shed tal-Kumpanija Air Malta, għad-dannu ta' l-istess kumpanija u persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-persuna.

(b) U aktar talli fid-9 ta' Mejju 2011 u fil-ġranet ta' qabel, bil-kompliċita' u l-koperazzjoni ta' xi persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb filli bil-qerq jinħarbu jew jiġi ittentat li jinħarbu id-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jitħallas u/jew li tinħeles xi projbizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew kif ukoll taħt xi Liġi oħra, instab li xjentement warrab jew irtira kontra l-Liġi mill-Cargo Import Shed tal-Air Malta, Luqa, tlett kaxxi b' 181.36 kilo SHISHA Flavoured Water Pipe Tobacco bla Dazju, u dan billi issosstitwixxa l-imsemmi tabakk bi tlett kaxxi oħra bi 300 pakkett kull kaxxa Charcoal.

It-tabakk fuq imsemmi u ċioe' 181.36 kilo SHISHA Flavoured Water Pipe Tobacco flimkien ma' zewġ kaxxi oħra bi 32 Shisha Glass Water Pipes u kaxxa oħra b'203 pakkett Charcoal u 5 pakketti Flavoured Tobacco, kienu ġew importati f'Malta mill-Eġittu fit-8 ta' Mejju 2011 u ġew depozitati taħt lok ta' kustodja.

(c) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, xjentement ġie fil-pussess ta' dan it-tabakk.
(d) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, xjentement kellu b'xi mod jaqsam fil-ġarr, depozitu jew ħabi ta' dan it-tabakk jew filli b'xi mod iddispona minnu.
(e) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, ħajjar, għen jew assista l-għemil tar-reati hawn fuq imsemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni mputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 62(e), (g) u (k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-Joseph Tabone ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u kkundanatu sena priġunerija, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza, il-ħati jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. In oltre, għal fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundanat lill-ħati għall-multa ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) hekk li terz (1/3) minn dan l-ammont, ċioe' is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600), għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut u pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Tabone, ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni;
(b) Tħassar u tirrevoka s-sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u minn kull ħtija skond il-liġi;
(c) Alternattivament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas il-piena lilu nflitta taħt l-ewwel, it-tielet, r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, għal piena oħra inqas skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat, l-appellant iressaq numru ta' aggravji li lkoll jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li in suċċint, huma hekk kif isegwu –

i) Id-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti hija waħda kontradittorja u dan għaliex għalkemm hemm deċiż illi ma nġiebet ebda prova li l-filmat li kien inserit fl-atti huwa l-istess filmat li għalih jagħmel referenza x-xhud Alfons Cauchi, fl-istess ħin madanakollu imbagħad fiha hemm sejbien ta' ħtija unikament abbażi tax-xhieda ta' Alfons Cauchi fejn hu għamel referenza għal 'xi filmat' li hu kien ra fuq il-post tax-xogħol tiegħu;

ii) L-Ewwel Qorti mxiet b'mod korrett meta skartat kompletament l-istqarrija li rrilaxxa l-appellant meta huwa ġie arrestat u interrogat mill-investigaturi, izda b'mod kontradittorju straħet fuq l-konfessjoni li allegatament għamel l-appellant ma' Alfons Cauchi;

iii) Jilmenta minn nuqqas ta' prova konkreta u/jew suffiċjenti li tindika li l-kaxxi li allegatament nsterqu kien fihom tabakk;

iv) L-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tistrieħ fl-apprezzament minnha magħmul tal-provi fuq dokument li ġie nserit fl-atti, redatt minn persuna ġewwa l-Eġittu, li ma ġie qatt ikkonfermat minnu bil-ġurament fil-qorti;

v) Finalment l-appellant jitlob riforma fil-piena inflitta, subordinatament għal aggravji fil-mertu għalkemm aggravju f'dan is-sens ma jirriżultax mill-korp tar-rikors.

Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]

Illi dan il-każ ra l-bidu tiegħu nhar l-10 ta' Mejju 2011, meta sar rapport lill-Pulizija Ezekuttiva minn ċertu Alfons Cauchi fil-kariga tiegħu ta' *Security Manager* mal-kumpanija Air Malta, fejn stqarr li kien għadu kif ra filmat fuq is-sistema tas-CCTV tal-kumpanija, f'liema filmat kienu jidhru movimenti suspettuzi minn persuna li kienet qed toħroġ minn, u ddaħħal, fil-*Cargo Shed* tal-kumpanija xi kaxxi. L-istess Alfons Cauchi għaraf lil din il-persuna li kienet tidher fil-filmat bħala l-appellant Joseph Tabone. Minn hawn skattat l-investigazzjoni tal-Pulizija.

Illi minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali jirriżulta minnufih li saru diversi nuqqasijiet kemm mill-Pulizija Ezekuttiva li kienet qed tinvestiga il-każ u sussegwentement mill-Prosekuzzjoni. Illi l-Qorti tistqarr illi dan il-proċess penali huwa mankanti minn ħafna evidenza importanti u materjali li l-Prosekuzzjoni kellha tressaq sabiex tipprova il-każ tagħha sal grad oneruż minnha mistenni. Din il-mankanza kienet senjalata ukoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Jibda biex jingħad illi l-Uffiċjal Prosekutur u Investigattiv qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri biex jagħti stampa tax-xejra li ħadet l-investigazzjoni u jagħti indikazzjoni ta' x'evidenza kienet miġbura. L-uniku uffiċjal tal-pulizija li xehed kien PS 647 Ivan Chetcuti. Dwar

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

it-tfittxijiet li saru fir-residenza tal-appellant u l-oġġetti kollha li kienu misjuba għandu u li kienu allegatament misruqa, ma hemm ebda prova kif tindika l-Ewwel Qorti, tant illi l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tas-serq tal-oġġetti kollha misjuba għand l-appellant ma setatx tirriżulta ippruvata.

Illi imbagħad, kien hemm diversi nuqqasijiet ukoll fl-evidenza li inġiebet mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-allegata komplicita ta'l-appellant ma' certu Mohammed Samir Mohammed Goma sabiex ikun hemm evazjoni ta' taxxa u Sisa għal konsenja ta' tabakk importata mill-imsemmi Mohammed mill-Eġittu u dan meta l-appellant allegatament issostitwixxa l-kaxxi kontenenti t-tabakk ma' kaxxi oħra b' xi *charcoal*.

Illi jingħad fl-ewwel lok illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova illi l-filmat eżebit minnha fl-atti kien proprju l-istess filmat li fih allegatament l-appellant inqabad jikkometti l-att inkriminatorju. Illi x-xhud Alfons Cauchi, fit-testimonjanza tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, jagħmel aċċenn għal filmat li fih jgħid li ra lill-appellant "*dieħel u ħiereġ bil-fork lifter bil-kaxxi*" – "*Lil dan il-bniedem identifikajtu bħala Joe Tabone. Rajtu jitfa' l-kaxxi fil-karozza tiegħu u jdaħħal kaxxi l-oħra fix-shed*". Dan ix-xhud qatt ma kien muri l-filmat eżebit sabiex jikkonferma dak li jsostni fix-xiehda tiegħu. Huwa minnu li fil-kors tal-proċeduri ġie ppreżentat CD bl-isem "*CCTV Footage*", madanakollu ma hemm ebda indikazzjoni in atti dwar minn min kien ppreżentat fil-qorti, min elevah u minn fejn kien elevat, kif tajjeb tissenjala l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Dan ifisser illi ma hemm l-ebda prova dwar minn fejn ġie meħud dan il-*footage* u lanqas ma hemm ebda prova dwar min għamel kopja ta' l-istess. Lanqas ma hemm konferma *o meno* minn Alfons Cauchi li dan huwa l-istess filmat li filfatt kien ra hu, fejn allegatament identifika lill-appellant bħala il-malvivent. Mhux biss, iżda fuq kollox, lanqas ma hemm prova tad-data u l-ħin meta ittieħed dan il-filmat, kif *del resto* kien ikkonfermat ukoll mill-Espert tal-Qorti Dr Stephen Farrugia Sacco li fir-relazzjoni tieghu igħid hekk:

> **... L-esponent ma jistax jikkonferma ... l-ħin u d-data (anka in vista li time stamp ma jidhirx u ma kienx l-esponent li għamel kopja tal-filmati) ...**

Illi, finalment, minn imkien ma jirriżulta li tressqet xi prova li tindika li l-persuna li tidher f'dan il-filmat huwa propju l-appellant. Dan inaqqas ferm mill-valur probatorju ta' din il-prova u huwa perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika jistrieħ fuqu sabiex isib ħtija fl-appellant għar-reati lilu addebitati, tant illi anke l-Ewwel Qorti skartatu fl-apprezzament minnha magħmul tal-evidenza in atti.

Illi dan magħdud, allura il-Qorti hija perplessa kif l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant unikament abbażi tax-xiehda ta' Alfons Cauchi, iktar u iktar meta din l-evidenza hija skarna minn kull dettall u f'partijiet minnha anke hija kontradittorja ma' dak li jirriżulta mir-rapport redatt minn PS 647 Ivan Chetcuti[2], konfermat minnu bil-ġurament, rigward dak li jidher fil-filmat li huwa u Cauchi raw *a tempo vergine*. Filwaqt li Cauchi igħid li ra lill-appellant joħroġ il-kaxxi w igħabbiehom fil-vettura tiegħu[3] u jissostitwiehom b'kaxxi oħra, is-surgent minn naħa tiegħu jghid hekk:

> ***"Fil-filmat jidher li għal ħabta ta' 03:07 hrs deher ċertu Joseph Tabone li jaħdem bħala uffiċjal tal-Airmalta ġewwa il-cargo. Jidher igħabbi 3 kaxxi minn dawk li kien hemm fuq Row D, joħroġ barra, u ftit wara għal ħabta ta' 03:20hrs jidħol lura b'3 kaxxi oħra li kienu inbidlu minn persuna mhux magħrufa li kienet qed tistenna barra il-cargo shed."***

Illi kien ferm perikoluż illi l-Ewwel Qorti strahet fuq xiehda, konsistenti f'folja traskritta waħda, mogħtija minn Cauchi fejn l-uniku indikazzjoni li jagħti ta' dak li ra fuq il-filmat jikkonsisti f'paragrafu wieħed li jikkontrasta fil-ftit dettall li fih ma' dak mistqarr mis-surġent. Dan ifisser illi huwa perikoluż ukoll illi l-Qorti tistrieħ fuq l-identifikazzjoni magħmula mix-xhud Cauchi tal-persuna tal-appellant li allegatament jidher f'dan il-filmat meta l-Qorti ma setatx hija stess tistabbilixxi illi dik l-identifikazzjoni jew aħjar rikonoxximent hija waħda soda u ta' min wieħed jistrieħ fuqha. Dan iktar u iktar fid-dawl tax-xiehda nieqsa minn kull dettal li x-xhud jagħti fil-qorti fejn lanqas jindika kif wasal għal dik l-identifikazzjoni jew rikonoxximent.

---

[2] Rapport PIRS a fol.11

[3] Igħid hekk Cauchi fix-xiehda tiegħu: "Qghadt nara ftit il-footage u rajt li ghall-habta tas-2:15 deher ragel ghaddej b'lasta f'idejh u jwahhal bicca plastic mal-camera. Lir-ragel ma identifiaktux, iktar tard, fit-3:15 rajt fuq il-footage il-cargo shed tixghel, tinfetah minn wara u bniedem diehel u hiereg bil-fork lifter bil-kaxxi. Lil dan il-bniedem identifikajtu bhala l-akkuzat Joe Tabone li qed naghraf prezenti fl-awla. Rajtu jitfa il-kaxxi fil-karozza tieghu u jdahhal kaxxi l-ohra fis-shed u ma stajtx naqbad x'inhu jigri."

*"… … the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*[4] *"*

Illi dwar identifikazzjoni magħmula minn filmat kien deċiż:

*"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting.*[5]*"*

Illi, għalkemm jidher illi Cauchi kien jaf lill-appellant bħala impjegat mal-Airmalta, kif tistqarr l-Ewwel Qorti, madanakollu x-xiehda ta' Alfons Cauchi ċertament ma tissodisfa ebda waħda mill-kriterji imfassla f'dan it-tagħlim ġurisprudenzjali billi, kif ingħad, hija nieqsa għal kollox mid-dettall ta' dak li rriżulta lil dan ix-xhud mill-

[4] R vs Turnbull [1977] QB 224 (CA)
[5] R vs Murphy and Maguire (1990).

investigazzjoni minnu kondotta u allura ta' dak li wasslu sabiex jidentifika lill-appellant. Kif inhu nieqes mid-dettall ukoll dak mistqarr mix-xhud fir-rigward tad-diskors li sar mill-appellant fejn, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, saret ammissjoni tal-involvivment tiegħu fil-kummissjoni tad-delitt.

Illi l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti, filwaqt li skartat l-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija meta kien interrogat wara l-arrest tiegħu u dan għaliex ma ngħata ebda forma ta' assistenza legali meta irrilaxxaha, minn naħa l-oħra ħadet in konsiderazzjoni l-konfessjoni li l-appellant għamel max-xhud Alfons Cauchi. Illi ix-xhud stqarr quddiem l-Ewwel Qorti li wara li ra l-filmat tas-CCTV tal-*Cargo Shed* tal-AirMalta u wara li kien għaraf li l-persuna li kienet tidher fl-istess kien l-appellant:–

> ***"L-għada filgħodu batt għalih u staqsejtu x'ġara u għala fetaħ is-shed u qalli li kien miftiehem ma' wieħed Għarbi li kien ġab xi cargo mill-Kajr il-ġurnata ta' qabel. Din il-cargo kien parti minnu tabakk kienu miftehmin u taħ 200 euro biex biddel it-tabakk ma' kaxxi oħra."***

Illi, l-Ewwel Qorti tenniet li dina il-konfessjoni kienet waħda valida skond il-Liġi u dana għaliex saret volontarjament lil kollega tax-xogħol u mhux lil persuna fl-awtorita'. Issa jibda biex jingħad illi f'din ix-xiehda skarna minn kull dettall, mhumiex ċari iċ-ċirkostanzi li fihom kienet rilaxxata din id-dikjarazzjoni u ċioe' ma huwiex ċar jekk din l-istqarrija saritx meta l-appellant kien waħdu ma' dan Cauchi jew inkella jekk kienx hemm diga' xi pulizija preżenti jew xi uffiċjali tad-Dwana u allura kenitx diġa' skattat l-investigazzjoni. Illi wkoll, għalkemm huwa minnu illi s-Sur Alfons Cauchi ma kienx uffiċjal tal-Pulizija jew rapprezentant ta' xi awtorita' investigattiva oħra, huwa minnu ukoll illi dan kellem lill-appellant fil-vesti tiegħu ta' *Security Officer* tal-kumpanija AirMalta. Dan magħdud, allura l-Ewwel Qorti ma setatx tasal għal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi din il-konfessjoni hekk magħmula mill-appellant kienet dik imsejjħa "extra ġudizzjarja" li fi kwalunkwe każ għaliha xortawaħda japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali:

> **"Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-**

**konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."**

Dan qed jingħad ukoll għaliex mix-xiehda ta' Fiona Tanti *Liasing Officer* fid-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll ta' David Fenech, *Senior Principal* fid-Dipartiment tad-Dwana, il-kaxxi li allegatament ġew sostitwiti mill-appellant infetħu fil-presenza tal-pulizija, meta allura l-appellant kien mistoqsi liema kienu il-kaxxi li bidel u huwa indikalhom dawn il-kaxxi[6]. Illi f'dan il-mument żgur mhux forsi illi kienet diġa' skattat l-investigazzjoni tal-pulizija u tal-awtoritajiet tad-Dwana, tant illi dawn il-kaxxi jidher li kienu fotografati mill-espert tax-xena tar-reat ex PS36 Sergio Azzopardi, li la xehed fil-proċeduri u lanqas eżebixxa ir-rapport tiegħu. Ma jidhirx illi f'dan il-mument lill-appellant ġew lilu mogħtija d-drittijiet tiegħu skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien lura fl-2011 meta huwa kellu dritt jikkonferixxi ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u allura wisq anqas li kellu xi avukat preżenti miegħu, meta huwa b'mod lampanti inkrimina ruħu.

Huwa evidenti, għalhekk, illi l-Ewwel Qorti ma setatx tasal għal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, illi il-konfessjoni magħmula mill-appellant lil Alfons Cauchi saret bis-salvagwardji kollha li tagħti il-liġi, iktar u iktar meta kien evidenti illi dan kien suspettat bil-kummissjoni ta' reat, kif lanqas setgħet tasal għal konkluzjoni mingħajr ebda dubbju illi din il-konfessjoni saret qabel ma kien sar ir-rapport lil pulizija, u allura qabel ma skattat l-investigazzjoni bl-appellant jibda jitqies bħala suspettat.

Illi l-artikolu 355AUA(2) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi dawk l-istanzi li fihom is-suspettat għandu jingħata id-dritt li jikseb assistenza legali.

> **(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:**

---

[6] Ara xiehda Fiona Tanti tad-09 ta' Otturbu 2013 : "Niftakar kont xogħol l-Air Malta u kont qegħda gol-ufficju taghna tad-Dwana u dahal mill-bieb tieghi is-sur Tony tal-Air malta u s-sur Alfons li imbaghad sirt naf li huwa tas-security tal-Air malta u qaluli li hemm konsenja li jixtiequ jarawha <u>ghax hemm il-pulizija</u>. U jien cempilt lic-chief tieghi, David Fenech u kif gie hu morna flimkien ix-shed tal-Air malta beix naraw il-kaxxi. Hemm hekk <u>kien hemm numru ta' pulizija</u> u kien hemm xi hadd bil-camera ukoll u rajt lis-sur Tabone u ma kontx naf x'inhu jigri dak il-hin jiena. .... <u>Imbaghad kien hemm xi hadd li staqsa lis-Sur Tabone liema kaxxi bidel u huwa indika xi kaxxi li kien bidel</u> ..." (sottolinjar tal-Qorti)

**(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali.**

**(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);**

**(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà.**

**(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.**

Issa għalkemm din id-disposizzjoni tal-liġi ġiet introdotta permezz tal-Att LI tal-2016, madanakollu mill-ġurisprudenza kopjuża li għaliha saret referenza mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, u li fuqha straħet sabiex skartat l-istqarrija tal-appellant bħala prova, huwa stabbilit illi tkun seħħet leżjoni għad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkużat meta dawn id-drittijiet għall-assistenza legali ma jkunux ingħatawlu meta jagħmel dikjarazzjonijiet jew atti oħra inkriminatorji fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-qorti tistrieħ fuq din l-evidenza sabiex issib il-ħtija.

Illi huwa indubitat illi fil-kapaċita' tiegħu ta' *Security Manager* fi ħdan il-kumpanija Airmalta, is-sur Alfons Cauchi għandu dik is-setgħa li jinvestiga kull każ ta' vjolazzjoni ta' sigurta' fil-kumpanija. Tant hu hekk illi din l-investigazzjoni minnu magħmula wasslitu sabiex jagħmel rapport lil pulizija billi kien hemm is-suspett li ġie kommess reat kriminali. Dan ifisser illi l-konfessjoni magħmula mill-appellant u li kienet għal kollox inkriminanti saret minnu meta huwa ma kellu ebda forma ta' assistenza legali, kif baqa' mingħajr dik l-assistenza meta indika il-kaxxi li allegatament ġew minnu mibdula, u allura fil-mument illi huwa kien ikkonsidrat bħala persuna suspettata.

Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies illi d-dikjarazzjoni jew konfessjoni magħmula mill-appellant lil Cauchi għandha titqies bħala 'extra ġudizzjarja', hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi din kienet tinneċessita provi korroborattivi għalbiex fuqha tista' tissejjes ir-reita'. Fis-sentenza tat-3 ta` Dicembru 2004 mogħtija minn din il-Qorti fis-sede superjuri tagħha, fil-kawża "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja**" kien deċiż:-

**"Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni**

**li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '....** ***Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admisible; <u>though it is evidence to be acted upon with much caution</u>, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnessess.*** **(Archbold page 376)"**

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar Procedura Kriminali (f'pagni 100-101) jgħallem illi:

> ***"Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumsatnces other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.***
>
> ***So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.***
>
> ***It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……"***

Għalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bħala prova, madanakollu min irid jiġġudika jrid jimxi b'kawtela kbira meta jkun hemm ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita' investigattiva jew ġudizzjarja, fejn allura jrid isir stħarriġ mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza oħra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u ċioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoċi li jagħtu is-saħħa lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji.

Issa l-Ewwel Qorti stqarret li l-appellant għamel tali konfessjoni b'mod volontarju, madanakollu ma jistax ma jingħadx illi huwa ammetta l-involviment tiegħu meta kien rinfaċċjat bl-att inkriminatorju minn persuna ta' awtorita' fil-kumpanija li kienet qed tinvestiga dan l-allegat serq u liema konfessjoni setgħet iġġib fuqu konsegwenzi mhux

biss ta' natura penali, iżda ukoll marbuta mal-impjieg tiegħu fil-kumpanija. Illi magħdud ma' dan imbagħad, l-Ewwel Qorti skartata l-prova magħmula permezz tal-filmat tal-kameras tas-sigurta', biex b'hekk ma hemm ebda prova oħra in atti korroborattiva u li tipponta fid-direzzjoni tar-reita' fl-appellant. Li emerġa ċar mill-provi, u ċioe' mix-xhieda tas-Sur Cauchi, li hija l-unika evidenza li torbot ir-reat mal-appellant, huwa il-fatt illi wara li Cauchi ra l-filmat in kwistjoni, kien bagħat għall-appellant u kkonfrontah fuq l-istess. Dan ifisser illi l-konfessjoni estrapolata minn għand l-appellant ċertament ma tistax titqies li kienet waħda volontarja u minn jeddu u dan meta Cauchi, fil-kariga tiegħu ta' Kap tas-Sigurta', kellu jkun konxju li seta' jesponi lill-appellant għal proċeduri penali. L-appellant għalhekk mingħajr ma kien imwissi skont il-liġi li jista' jagħżel li ma jitkellimx jekk jidhirlu li jista' jinkrimina ruħu, għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji meta huwa kien diġa' suspettat bil-kummissjoni ta' reat.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti xortawaħda tqies illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi din il-konfessjoni fil-fatt kienet waħda 'extra ġudizzjarja'. Dan ukoll fid-dawl tal-mod kemmxejn letarġiku ta' kif tmexxiet il-prosekuzzjoni ta' dan il-każ, bl-Uffiċjal Prosekutur lanqas jindenja ruħu jixhed biex jindika l-*iter* li ħadet din l-investigazzjoni, b'evidenza importanti lanqas tinġieb fil-qorti, u b'espert importanti li kien maħtur fl-inkjesta, u ċioe' PS36 Sergio Azzopardi, uffiċjal tax-xena tar-reat li kien preżenti flimkien mal-pulizija meta l-kaxxi inkriminatorji infetħu u ġew minnu fotografati, la jixhed u lanqas jippreżenta r-relazzjoni tiegħu, bil-Prosekuzzjoni stranament tiddikjara fis-seduta tal-21 ta' Frar 2019 li dan l-uffiċjal ma kellu ebda involviment fl-investigazzjonijiet, u dan wara li l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju li kellu jinstema' dan ix-xhud.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha tiskarta ukoll il-konfessjoni magħmula mill-appellant lil Alfons Cauchi, kif ukoll tiskarta dik il-parti tal-evidenza fejn allegatament l-appellant indika liema kienu il-kaxxi bit-tabakk li nbiddlu u dan meta huwa ppruvat illi għamel dawn l-affermazzjonijiet meta ma ingħata ebda twissija skont il-liġi u fuq kollox meta lanqas ingħata ebda forma ta'

assistenza legali. Illi skartati dawn il-provi allura, r-responsabbilita' kriminali tal-appellant għar-reati lilu addebitati ma tistax titqies li ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi, u għalhekk l-Ewwel Qorti malament straħet fuq evidenza fjakka, u li kellha titqies inammissibbli, sabiex issib il-ħtija fl-appellant.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti tqies illi ma hemmx għalfejn tinoltra ruħħa fl-eżami tal-kumplament ta'l-aggravji imressqa mill-appellant.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, iżda tirrevokaha fejn din sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh u għalhekk tgħaddi biex tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**